MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 70/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Ir-Registratur tas-Socjetajiet**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-23 ta` Jannar 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi, l-esponenti hija kreditrici tas-socjeta` Xofa Limited, socjeta` nkorporata mar-Registratur intimat bin-*

*numru progressiv C22568, fis-somma ta` tnejn u hamsin elf, seba` mija u tmienja u erbghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€52,748.75), kwantu ghas-somma ta` tlieta u erbghin elf, mija u erbgha u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu (€43,124.20), bilanc ghad-debitu fil-Loan Account ta` Almare Gozo Limited u kwantu ghas-somma ta` disat elef, sitt mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€9,624.55), bilanc ghad-debitu fl-Overdraft Account ta` l-istess Almare Gozo Limited, flimkien ma` l-imghax legali mill-hdax (11) ta` Novembru 2011, sal-jum tal-pagament effettiv, kif ahjar jirrizulta mill-prospetti hawn annessi u mmarkati dokument "BOV1 u BOV2".*

*2. Illi, is-socjeta` Xofa Limited hija debitrici tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. in forza tal-garanzija ipotekarja solidali moghtija mill-Bank esponent permezz ta` diversi iskrizzjonijiet ipotekarji, fosthom l-iskrizzjonijiet I 20972/2005 u I 20973/2005, hawn annessi u mmarkati dokument "BOV3 u BOV4".*

*3. Illi, l-isem tas-socjeta` Xofa Limited gie mhassar minn fuq ir-registru ai termini tas-sub-inciz 2 ta` l-Artikolu 325 tal-Att ta` l-1995, dwar il-Kumpanniji, Kap.386 tal-Ligijiet, b`effett mill-ghoxrin (20) ta` Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kif ahjar jirrizulta mill-avviz mahrug mill-intimat Registratur tal-Kumpanniji, li kopja tieghu qed tigi hawn ezebtia u mmarkata dokument "BOV5".*

*4. Illi, is-socjeta` esponenti, bhala kreditrici ta` l-imsemmija kumpannija, umilment tissottometti li ghandha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija Xofa Limited gie mhassar minn fuq ir-registru bis-sahha ta` l-imsemmi sub artikolu 2 ta` l-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet, u ghalhekk l-esponenti umilment tghid illi huwa xieraq illi l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, sabiex l-esponenti tkun tista` tezercita d-drittijiet ipotekarji illi ghandha kontra l-istess socjeta` Xofa Limited.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini ta` l-Artikolu 325(4) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) –*

*(i) Tordna li l-isem tas-socjeta` Xofa Limited bin-numru tar-registrazzjoni C22568 li gie mhassar minn fuq ir-registru b`effett mill-ghoxrin (20) ta` Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet mizmum mill-intimat ai termini tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*(ii) Tordna li r-Registratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Registratur intimat ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-Ordni Moghtija fuq it-talba precedenti.*

*(iii) Taghti dawk id-direzzjoni u Taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni biex is-socjeta` Xofa Limited u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin daqs li kieku l-isem tal-kumpannija Xofa Limited qatt ma gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*(iv) Tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet intimat jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-website mizmuma mill-istess Registratur intimat u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta.*

*(v) Tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet intimat idahhal l-isem tal-kumpannija fir-registru minnu mizmum skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti mir-rikorrenti mal-att promotorju.

Rat ir-risposta prezentata fit-2 ta` Marzu 2012 li taqra hekk –

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza billi l-esponent m`huwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-kumpannija giet registrata fl-24 ta` Frar 1998 taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995. Madankollu tul iz-zmien kollu illi damet fuq ir-Registru Xofa Limited (C22568) qatt ma baghtet l-ebda prospett annwali jew kont annwali.*

*Illi konsegwentement il-kumpannija in kwistjoni, minhabba tali inadempjenzi mal-obbligi legali taghha ghal diversi snin, flimkien ma` l-ufficjali taghha nhargulha diversi multi.*

*Illi tali nuqqasijiet serji u kontinwi wasslu lir-Registratur sabiex jissoponi illi l-kumpannija m`hijiex qieghda topera jew taghmel negozju ai termini ta` l-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji u konsegwentement l-ufficjali u l-azzjonisti taghha ma kellhom l-ebda interess illi jzommu l-isem tal-kumpannija fuq ir-Registru. Ghaldaqstant huwa mexa sabiex jinforza d-disposizzjonijiet tal-Artikolu msemmi vis-a-vis il-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi billi ma rcieva l-ebda twegiba ghal korrispondenza illi ntbaghtet lill-kumpannija fl-ufficcju*

*registrat taghha u fl-indirizz personali ta` kull direttur kif huwa legalment obbligat li jibghat skond l-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji, ir-Registratur fl-20 ta` Ottubru 2009 pubblika avviz fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum illi b`effett mit-tlett xhur mid-data tal-publikazzjoni ta` l-istess avvizi, l-isem tal-kumpannija kellu jigi mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi peress illi r-Registratur ma giex notifikat bl-ebda oggezzjoni ghal tali thassir u minhabba li kien skada t-terminu preskritt mil-ligi li fih ir-rikorrent seta` juri l-interess tieghu illi l-kumpannija tibqa` fuq ir-Registru, fl-20 ta` Jannar 2010 ir-Registratur ipproceda sabiex jippubblika l-avviz illi kumpannija kienet giet imhassra minn fuq ir-Registru b`effett minn dakinhar stess.*

*Illi kif jidher car mill-fatti suesposti, ir-rikorrent kellu bizzejjed cans kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni ta` l-avvizi kollha sabiex jinforma lir-Registratur tal-Kumpanniji dwar x`interessi illi seta` kellu illi l-isem tal-kumpannija tibqa` fuq ir-Registru izda dan baqa` inadempjenti.*

*Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun illi tilqa` t-talba kif maghmula mir-rikorrent sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza taghha l-Qorti taghti dawk id-direzzjonijiet u taghti dawk il-provedimenti illi jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u terzi persuni jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun qrib dik li kieku l-isem tal-kumpannija qatt ma kien thassar. Illi ghalhekk l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tal-kumpannija Xofa Limited (C22568) u ta` l-ufficjali taghha jergghu jigu fis-sehh daqs li kieku l-isem taghha qatt ma thassar. Ghaldaqstant ir-Registratur tal-Kumpanniji jissolleva illi jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss li hu xieraq illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru fis-sentenza taghha ghandha wkoll taghti dawk id-direttivi lill-kumpannija u l-ufficjali taghha sabiex jiehdu hsieb jibghatu*

*d-dokumentazzjoni li qatt ma ntbaghtet lir-Registratur inkluzi prospetti annwali u kontijiet annwali u jithallsu l-penalitajiet kollha dovuti lir-Registratur. Dan sabiex jigi evitat illi jitpoggew lura fuq ir-Registru kumpanniji b`nuqqasijiet kbar vis-a-vis l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet id-deposizzjoni ta` Ronald Dalli fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2012.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2012.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn il-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-Art.325 tal-Kap.386</u>**

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija Xofa Limited abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli. Il-bank rikorrent qieghed jitlob li dak l-isem jerga` jitqieghed fuq ir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4). <u>Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum</u>. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, din il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad**

**tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha abbazi tal-provi akkwiziti.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta` l-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn*

*fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta` l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali ta` l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew*

*ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl- Ordinanza.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Din il-Qorti tghid mill-ewwel illi minhabba l-imgieba tal-kumpannija Xofa Limited (kif imfisser ahjar fir-risposta) l-intimat kellu raguni bizzejjed biex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija Xofa Limited minn fuq ir-registru skond is-subartikolu (1) tal-Art.325. Jidher illi l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art.325 u ghax Xofa Limited baqghet inadempjenti, skatta t-thassir ta` l-isem mir-registru skond l-istess subartikolu (2) tal-Art.325.

Din il-Qorti tghid illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art.325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha fiz-zmien in kwistjoni, li jridu jissodisfaw lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ma jipprocedix bit-thassir. Jekk dawk il-persuni jew ma jiehdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur, id-dekorrenza ta` dak l-istess terminu johloq stat fil-konfront tal-kumpannija u l-isem jithassar.

Fl-istess waqt, din il-Qorti tghid ukoll illi t-thassir tal-isem skond is-subartikolu (2) tal-Art.325 mhuwiex intiz sabiex jolqot lil dawk il-persuni li huma indikati fis-

subartikolu (4) tal-Art.325. Ghalhekk membru **jew** kreditur tal-kumpannija, **jew** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art.325. Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art.325 ma johloqx stat fil-konfront taghhom. Dment illi **dawk** il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art.325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru.

Is-subartikoli (2) u (4) tal-Art.325 huma distinti ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

Fuq il-pjan fattwali, il-bank rikorrent mhux jikkontesta l-korrettezza tal-agir tal-intimat. Il-bank rikorrent ressaq bhala xhud lil Ronald Dalli li huwa *relationship officer* fir-*recoveries department* tal-bank. Huwa kien responsabbli mill-file ta` Xofa Limited. Huwa xehed illi Xofa Limited hija garanti bi propjeta` taghha favur kumpannija ohra Almare Gozo Limited li kienet inghatat self mill-bank rikorrent. Il-propjeta` li qeghda taghmel tajjeb ghall-kreditu tal-bank hija dik ndikata fl-ipoteka specjali markata Dok BOV3. Il-bank ghandu l-ewwel *ranking.* Garanziji ohra huma personali li ma jaghtux *ranking* lill-bank billi hemm ghadd ta` kredituri ohra li jipprecedu lill-bank. L-unika cans fattibbli li ghandu l-bank biex jirkupra l-kreditu tieghu huwa minghand il-garanti. Fil-kontroezami, ix-xhud kien mistoqsi ghala ma saru l-ebda rappresentazzjonijiet mill-bank lill-intimat fil-perijodu ta` tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-avviz. Ix-xhud wiegeb li Carmen Borg l-impjegata tal-bank li tiehu hsieb ic-*checking* ta` l-avvizi ma ndunatx bil-pubblikazzjoni tal-avviz – *jidher li kien zball uman ma ndunatx b`dan il-kaz li ticcekkja manwalment kull filghodu l-lista tal-kumpanniji zball uman dan qabzilha.*

Ghalkemm kien biss minhabba *zball uman* li l-bank ma rregistrax l-interess tieghu mal-intimat wara l-pubblikazzjoni ta` l-avviz, din il-Qorti terga` ssostni li d-dekorrenza tat-terminu skond is-subartikolu (2) tal-Art.325

ma jikkostitwix pregudizzjali kontra l-bank rikorrent li jressaq it-talba skond is-subartikolu (4) tal-Art.325.

Meqjus b`reqqa l-istess subartikolu (4) fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti tghid fl-ewwel lok illi l-bank rikorrent jikkwalifika biex iressaq l-istanza tal-lum ghax huwa kreditur, fit-tieni lok illi l-bank rikorrent agixxa *entro* l-hames (5) snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir u fit-tielet lok hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Fl-istess waqt, ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi regolatorji tal-intimat, din il-Qorti qeghda tipprovdi li l-isem tal-kumpannija Xofa Limited ghandu jerga` jidhol fir-registru ghal perijodu ta` zmien li ma ghandux jaqbez is-sentejn (2) mil-lum. B`dan il-mod, il-bank rikorrent ikollu zmien bizzejjed biex jirkupra l-kreditu tieghu li huwa garantit bl-ipoteka specjali de qua li kienet inghatat mill-istess Xofa Limited. Din il-Qorti trid tassikura li l-bank rikorrent jagixxi fil-pront in tutela tal-interessi tieghu ghaliex ma ghandha l-ebda kontroll li bil-fatt li l-isem ta` Xofa Limited jerga` jidhol fir-registru din tal-ahhar sejra tottempera ruhha mal-obbligi taghha skond il-Kap.386. Huwa dmir tal-qorti li fl-applikazzjoni tal-ligi tfittex u ssib bilanc gust.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda, bl-applikazzjoni tal-Art.325(4) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi hekk -**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija Xofa Limited (C22568) jerga` tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Xofa Limited (C22568) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien sentejn**

**b`effett mid-data illi fiha r-Registratur tal-Kumpanniji jaghmel ir-registrazzjoni skond kif sejjer jinghad.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien hmistax (15)–il jum mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien hmistax (15)–il jum mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenjalu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija Xofa Limited (C22568) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien hmistax (15) –il jum mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija Xofa Limited (C22568) fir-Registru tal-Kumpanniji, jghaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija Xofa Limited (C22568) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Tordna lill-bank rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-procedura nkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------